**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

**Pulizija**
**Spettur Jason Agius**

**Vs**

**Joseph Schembri**

**Illum 11 ta' Gunju 2002.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Joseph Schembri ta' 49 sena, iben il-mejjet Michael u Frances nee' Grima imwieled Siggiewi fil-25 ta' Frar 1953 u joqghod 40, Arcade Street, Sliema, detentur tal-karta tal-identita' numru 203953 M;

Talli fl-1 ta' April 2002, f'xi hin ben nofs il-lejl u s-siegha ta' filghodu gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, Gudja, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe' iffalsifika l-firma ta' Louis Scicluna u persuni ohra u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew

skrittura falza u dan bi ksur ta' l-artikoli 183 u 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz u dan bi ksur ta' l-artikolu 188 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara illi rat l-artikoli 183, 184 u 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imsemmi imputat, ma' thalli ebda alternattiva lil din il-Qorti, hlief li ssibu hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni.

Ghaldaqstant, din il-Qorti, fil-waqt li ssib lil Joseph Schembri hati ta' kif akkuzat, qeghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma' jikkommettix reat iehor fiz-zmien tmintax-il-xahar (18) mil-lum, a tenur tal-artikolu 9 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

MAGISTRAT.